

32002D0971

L 337/55

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.12.2002

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Novembru 2002

li tawtorizza lill-Istati Membri, fl-interess tal-Komunità, li jirratifikaw jew li jaderixxu mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għall-Ħsara b'Konnessjoni mat-Trasportazzjoni bil-Baħar ta' Sustanzi Perikolużi u ta' Ħsara 1996 (il-Konvenzjoni HNS)

(2002/971/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 61(c) u l-Artikolu 67(1) u l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għall-Ħsara b'Konnessjoni mat-Trasportazzjoni bil-Baħar ta' Sustanzi Perikolużi u ta' Ħsara (minn hawn il-quddiem referuta bħala il-"Konvenzjoni HNS") hija ntiża biex tassigura kumpens adegwat, malajr, u effettiv lill-persuni li jsofru danni kkawżati minn tixrid ta' sustanzi perikolużi u ta' ħsara, meta ttrasportati bil-baħar. Il-Konvenzjoni HNS timla vojta sinifikanti fir-regolamentazzjoni internazzjonali tar-responsabbiltà għat-tniġġiż marittimu.

(2) L-Artikoli 38, 39 u 40 tal-Konvenzjoni HNS jaffettwat il-leġislażjoni sekondarja tal-Komunità dwar il-ġurisdiżjoni u r-rikonossiment u l-infurzar tal-ġudizji, kif stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdiżjoni u r-rikonossiment u l-infurzar tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ⁽³⁾.

(3) Il-Komunità għalhekk għandha l-kompetenza unika fir-rigward ta' l-Artikoli 38, 39 u 40 tal-Konvenzjoni HNS minħabba li dik il-Konvenzjoni taffettwa r-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 44/2001. L-Istati Membri għandhom iżommu l-kompetenza tagħhom dwar il-materji koperti b'dik il-Konvenzjoni li ma jaffettwawx il-liġi tal-Komunità.

(4) Permezz tal-Konvenzjoni HNS, Stati sovrani biss jistgħu ikunu partijiet tagħha; m'hemm l-ebda pjani, f'terminu fil-qosor, biex jinfetħu mill-ġdid in-negozjati sabiex jittieħed akkont tal-kompetenza tal-Komunità dwar il-materja. Mhux għalhekk possibbli għal-Komunità li fil-preżent tirratifika jew li taderixxi mal-Konvenzjoni HNS, l-anqas ma hemm l-ebda prospett li hi tkun tista tagħmel hekk fil-futur qrib.

(5) Il-Konvenzjoni HNS hija partikolarment importanti, meta jkunu meqjusa l-interesi tal-Komunità u tal-Istati Membri tagħha, minħabba li din twassal għal protezzjoni mtejbja għall-vittmi permezz tar-regoli internazzjonali dwar ir-responsabbiltà marittima rigward it-tniġġiż, li huwa skond il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, 1982, dwar il-Liġi tal-Baħar.

(6) Ir-regoli sostantivi tas-sistema stabbilita mill-Konvenzjoni HNS jidħlu taħt il-kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri u d-dispożizzjonijiet biss tal-ġurisdiżjoni u tar-rikonossiment u ta' l-enfurzar tas-sentenzi huma materji koperti bil-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Meqjus li s-suġġetti f'dan il-każ u l-għan tal-Konvenzjoni HNS, l-aċċettazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dik il-Konvenzjoni li jidħlu taħt il-kompetenza tal-Komunità ma jstgħux ikunu mifruda mid-dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU C 51 E, tas-26.2.2002, p. 370.

⁽²⁾ L-Opinjoni mogħtija fil-11 Ġunju 2002 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 12, tas-16.1.2001, p. 1.

- (7) Il-Kunsill għandu għalhekk jawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw jew jaderixxu mal-Konvenzjoni HNS fl-interess tal-Komunità, permezz tal-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.
- (8) L-Istati Membri għandhom jiffinalizzaw, fi żmien raġjonevoli, il-proċeduri tagħhom għar-ratifika ta', jew ta' l-adeżjoni ma, il-Konvenzjoni HNS fl-interess tal-Komunità. L-Istati Membri għandhom jagħmlu skambju ta' l-informazzjoni dwar l-istat tal-proċeduri tar-ratifika jew ta' l-adeżjoni tagħhom sabiex jippreparaw għad-depożitu tal-istrumenti tagħhom tar-ratifika ta', jew ta' l-adeżjoni ma', il-Konvenzjoni.
- (9) Ir-Renju Unit u l-Irlanda qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (10) Bi qbil mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka kif anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhix marbuta magħha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenza eżistenti tal-Komunità Ewropea f'din il-materja, il-Kunsill hawnhekk jawtorizza lill-Istati Membri li jirratifikaw jew li jaderixxu mal-Konvenzjoni HNS fl-interess tal-Komunità, suġġett għall-kondizzjonijiet kif stabbiliti f'dawn l-Artikoli li ġejjin.
2. It-test tal-Konvenzjoni HNS huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.
3. F'din id-Deċiżjoni, it-terminu "Stat Membru" għandu jfisser l-Istati Membri kollha bl-eċċezzjoni tad-Danimarka.

Artikolu 2

Meta jirratifikaw jew jaderixxu mal-Konvenzjoni HNS, l-Istati Membri għandhom jgħamlu din id-dikjarazzjoni li ġejja:

"Ġudizji dwar materji koperti bil-Konvenzjoni għandhom, meta mogħtija minn qorti ta' (1)...), ikunu rikonossuti u enforzati fi (2)... bi qbil mar-regoli interni rilevanti tal-Komunità dwar is-suġġett. (*)"

(*) Fil-preżent, dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 44/2001.

(1) L-Istati Membri kollha li għalihom din id-Deċiżjoni hija applikabbli apparti milli minn dak l-Istat Membru li jgħamel id-dikjarazzjoni u d-Danimarka.

(2) L-Istat Membru li jagħmel id-dikjarazzjoni."

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiddepożitaw l-istrumenti tagħhom tar-ratifika ta', jew ta' l-adeżjoni ma, il-Konvenzjoni HNS, matul żmien raġjonevoli, mas-Segretarju-Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u, jekk possibbli, qabel it-30 ta' Ġunju 2006.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, qabel it-30 ta' Ġunju 2004, bid-data prospettiva tal-finalizzazzjoni tal-proċeduri tagħhom tar-ratifika jew ta' l-adeżjoni.

3. L-Istati Membri għandhom ifittxu li jgħamlu skambju ta' l-informazzjoni dwar l-istat tal-proċeduri tagħhom rigward ir-ratifika jew l-adeżjoni.

Artikolu 4

Meta jirratifikaw jew jaderixxu mal-Konvenzjoni HNS, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lis-Segretarju-Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, bil-kitba, li dik ir-ratifika jew l-adeżjoni kienet seħħet bi qbil ma din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom, fl-opportunità l-aktar kmieni, li jużaw l-aħjar sforzi tagħhom biex jassiguraw li l-Konvenzjoni HNS tkun emendata biex tħalli lill-Komunità li ssir parti kontraenti tagħha.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Novembru 2002.

Għall-Kunsill

Il-President

P. S. MØLLER